MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2010

Appell Kriminali Numru. 88/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Camilleri talli f'dawn l-ahhar xahrejn fis-Siggiewi, biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, fixkel lil Lourdes Sciberras fit-tgawdija tar-raba fil-pussess taghha li tinsab fil-Fulija, Siggiewi, u dan billi ghamel xatba u ghalaq b'katnazz l-istess xatba u b'hekk ma halliex il-passagg liberu li kienet tgawdi l-istess Lourdes Sciberras;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Frar 2010 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Carmel Camilleri hati

ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' mitejn euro (€350) u, a tenur ta' l-artikolu 377(3) tal-Kodici Kriminali, ordnat it-tnehhija tax-xatba mertu ta' din il-kawza fi zmien hmistax-il gurnata mid-data tas-sentenza appellata jew li jikkonsenja c-cavetta tax-xatba lil Lourdes Sciberras fi zmien hmisatx-il gurnata mid-data ta' l-istess sentenza. Fin-nuqqas, ikkundannat lill-imsemmi Carmel Camilleri jhallas ammenda ta' ghoxrin euro (€20) kull gurnata dewmien fl-esekuzzjoni ta' l-istess sentenza. Inoltre, a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, ordnat lill-istess Carmel Camilleri jhallas is-somma ta' tliet mija u hamsin euro € (350) spejjez inkorsi fil-hatra ta' perit;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Carmel Camilleri pprezentat fl-1 ta' Marzu, 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza appellata u tilliberah mill-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu skond il-ligi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant jikkonsisti filli jghid illi l-ewwel Qorti naqset milli tindaga dwar l-ezistenza o meno ta' xi jedd ta' passagg li seta' kellha Lourdes Sciberras. Jghid li ghalkemm kwistjon ibhal din hija wahda ta' indoli civili, il-qrati ta' gurisdizzjoni kriminali jistghu jiehdu konjizzjoni ta' kwistjonijiet civili mehtiega ghar-risoluzzjoni ta' procedura penali. Skond l-appellant, jekk Lourdes Sciberras kienet tghaddi mill-passagg in kwistjoni, dan kien biss fuq mera tolleranza u minghajr titolu validu fil-ligi, u l-mera tolleranza ma tista' qatt tikkostitwixxi l-bazi ta' pussess tutelabbli (art. 526 tal-Kodici Civili). Inoltre, izid jghid l-appellant, il-bona grazzja, kif ukoll il-prekarju, jistghu jigu mitmuma unilateralment mill-koncedent taghhom, minghajr ma jaghti raguni. Konsegwentement, isostni l-

appellant, Lourdes Sciberras ma setghet qatt tippretendi li kellha jedd tghaddi mill-imsemmi passagg li huwa proprjeta` privata ta' l-appellant. Kwindi kellu kull dritt jaghlaq l-imsemmi passagg.

Biex jikkonfigura ruhu r-reat ta' *ragion fattasi*, iridu jikkonkorru dawn l-elementi:

"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni alle Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ***ragion fattasi*** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ***ragion fattasi*** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".[1]

Issa, mill-provi jirrizulta illi kien hemm passagg (indikat bl-ahmar fil-pjanta a fol. 18) li minnu kien jghaddi missier Maria Lourdes Sciberras ghall-ghelieqi tieghu. Parti minn dan il-passagg iggarraf fl-1975 u sar ftehim bejn missier l-imsemmija Sciberras, iz-zijiet ta' l-appellant u s-sid Dott. Carmelo Caruana li l-access jibda jsir minn wara r-razzett (indikat bil-blu fil-pjanta a fol. 18). Jidher li l-partecipanti

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996

ghal dan il-ftehim huma llum kollha mejtin. Ma jirrizulta li sar xejn bil-miktub f'dar-rigward. Hemm kawzi pendenti bejn Maria Lourdes Sciberras u hutha dwar min hu intitolat ghar-raba li ghalih kien isir access mill-moghdija in kwistjoni, moghdija li kienet intiza biex tiffacilita l-access ghall-ghelieqi msemmija peress illi jidher illi hemm access iehor minn triq ohra izda liema access lejn uhud mill-ghelieqi huwa diffikultuz. L-appellant xehed li hu ilu jokkupa r-razzett u l-art ta' madwar mill-1977, li kien jara lil hu Maria Lourdes Sciberras jghaddi u jahdem ir-raba tieghu, u li kien lest jaghti cavetta lil huha, jekk jitolbu, bona grazzja tieghu. Dwar Maria Lourdes Sciberras, l-appellant xehed illi kien ilu ma jaraha fuq l-ghelieqi taghha mill-1986, filwaqt illi hija xehdet li kienet tghaddi regolarment.

Din il-Qorti mhijiex se tidhol fil-kwistjoni ta' jekk Maria Lourdes Sciberras ghandhiex xi titolu fuq ghelieqi li kienu jinhadmu minn missierha jew jekk hux huha ghandu tali dritt. Hemm il-foro kompetenti li qed tezamina dik il-vertenza. Li jidher cert huwa li l-moghdija in kwistjoni (senjalata bl-ahmar) kienet ilha tintuza almenu mill-1953 filwaqt illi wara li parti minnha ggarrfet fl-1975, bdiet tintuza l-parti senjalata bil-blu mill-familja Sciberras. Stabbilit li kien hemm xi forma ta' uzu, allura ta' pussess, l-appellant gie li spolja anke lil Maria Lourdes Sciberras mit-tgawdija ta' dik il-moghdija.

L-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Anthony Micallef** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Lulju 2004 li ghalih rrefera l-appellant, si trattava wkoll ta' l-uzu ta' passagg. L-appellant Anthony Micallef f'dak il-kaz kien jippretendi li huh kien qed juza rampa biss b'tolleranza. F'dik is-sentenza ntqal hekk: **"Il-pretensjoni ta' l-appellant li huh kien qed jithalla juza r-rampa biss b'tolleranza u li ghalhekk ma kellu ebda dritt ta' passagg jekk mhux bil-bona grazzja tieghu, huwa kellu se mai jiddeduciha quddiem il-qorti kompetenti civili, u mhux jaqbad u jiehu l-ligi b'idejh billi effettivament jimpedih milli jaccedi ghall-ghelieqi tieghu kif kien ilu jaghmel. Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza appellata, fil-kaz in dizamina**

**jirrikorru l-elementi kollha rikjesti ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' *ragion fattasi*."** Din hija s-sitwazzjoni fil-kaz odjern.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, b'dan li l-perijodi ndikati fis-sentenza appellata jibdew jiddekorru millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------